MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 220/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Galea talli fit-2 ta' Mejju tas-sena 2008 ghall-habta ta' nofs il-lejl neqsin kwart (23.45hrs) bhala l-persuna li f'ismu ghandu l-licenzja ta' *substitute* tal-hanut ta' l-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta' 'Havana', li jinsab gewwa Triq San Gorg, Paceville San Giljan:

(1) Biegh jew ippermetta li jinbiegh xorb alkoholiku lil tfal taht is-sittax-il (16) sena;

(2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ppermetta tfal taht is-sittax-il (16) sena jidhlu fil-post imsemmi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Gunju 2008, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Galea mhux hati tal-ewwel imputazzjoni u lliberatu minnha izda sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u, wara li rat ir-regolament 18 ta' l-Avviz Legali 392/29, ikkundannatu ghal *ammenda* ta' disgha u hamsin euro (€59);

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fl-14 ta' Lulju, 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu lliberat l-appellat fuq l-ewwel imputazzjoni u sabet htija fuq it-tieni imputazzjoni izda tirrevokaha in kwantu imponiet il-piena ta' €59 u minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali hu illi l-piena li applikat l-ewwel Qorti mhijiex dik preskritta mil-ligi. Jghid illi sond l-Avviz Legali 124/95 kif emendat il-piena kellha tkun skond l-artikolu [*recte:* regolament] 15(1) multa ta' mhux anqas minn €465.87 oltre dak dispost fl-artikolu [*recte:* regolament] 6(5) li jimponi multa addizzjonali ta' €233.

Pero` ghalkemm fir-rikors ta' appell tieghu l-Avukat Generali jaghmel referenza ghall-Avviz Legali 124/1995, l-ewwel Qorti ndikat li kienet qed issib htija kwantu ghat-tieni imputazzjoni skond l-Avviz Legali 392/1929. Ghalhekk irid l-ewwel jigi determinat liema minn dawn iz-zewg Avvizi Legali hu applikabbli ghar-reat li dwaru l-appellat instab hati, cioe` li ppermetta tfal taht is-sittax-il sena jidhlu fil-hanut ta' l-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta' "Havana" fi Triq San Gorg, Paceville, San Giljan.

L-ewwel Qorti sabet responsabbilta` fl-appellat skond "ir-regolament 18 ta' l-Avviz Legali 392/29". Minn ezami tad-dicitura ta' l-imputazzjoni, ghalkemm din titkellem dwar l-appellat bhala "persuna li f'ismek ghandek l-licenzja ta' *substitute* tal-hanut ta' l-inbid, birra u xorb spirituz" u ghalhekk tali dicitura tixbah aktar dik fin-Notifikazzjoni tal-Gvern 392/1929 (ghalkemm l-anqas precizament hekk peress illi tali Notifikazzjoni titkellem dwar "likuri spirituzi" u mhux "xorb spirituz"), huwa evidenti illi l-appellat ma giex akkuzata bi ksur tar-regolament 18 ta' dik in-Notifikazzjoni tal-Gvern izda bi ksur tar-regolament 6(1) ta' l-Avviz Legali 124 tas-sena 1995. Difatti r-regolament 18 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 392/1929 jirreferi ghal "bar jew lok iehor fejn ikun hemm impjegati nisa jew artisti", li mhux il-kaz odjern peress illi l-fond in kwistjoni gie deskritt biss fl-imputazzjoni bhala "hanut ta' l-inbid, birra u xorb spirituz". Dan ifisser li l-ewwel Qorti ccitat ligi hazina.

Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat. "**

L-ewwel Qorti ccitat l-artikolu, ossia f'dan il-kaz regolament, u ligi hazina u ghalhekk is-sentenza appellata tirrizulta difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 ghall-validita` ta' sentenza. Dan ghalhekk irendi s-sentenza appellata nulla izda biss in kwantu din tirrigwarda s-sejbien ta' htija dwar it-tieni imputazzjoni u kundanna relattiva u sejra tiddeciedi l-kaz f'dar-rigward mill-gdid.

F'dan il-kaz ma saret ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li fil-hanut imsemmi kien hemm tfal taht l-eta` ta' sittax-il sena u d-difensur ta' l-appellat iddikjara fis-seduta ta' l-4 ta' Frar 2009 li kien qieghed jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti dwar il-ligi applikabbli.

Il-ligi applikabbli ghar-reat in kwistjoni huwa l-Avviz Legali 124/1995 kif l-ahhar emendat fis-7 ta' Marzu 2008 bl-Avviz Legali 93/2008. Ir-regolament 6(1) jipprovdi: **"Persuni taht l-età ta' sittax-il sena ma ghandhomx jithallew jidhlu gewwa lokalità ta' divertiment, u zghazagh li jkollhom iktar minn sittax-il sena ghandhom qabel ma jidhlu f'dik il-lokalità johorgu u juru l-karta ta' l-identità taghhom lill-proprjetarju."** Proprjetarju dwar kull divertiment huwa deskritt fir-regolament 2 bhala **"il-persuna li torganizza jew tmexxi d-divertiment jew li tkun responsabbli ghall-organizzazzjoni jew ghat-tmexxija tieghu u tinkludi kull persuna li jkollha xi interess finanzjarju fid-divertiment jew f'dak li jidhol minnu, u kull persuna li f'isimha jigu ricevuti hlasijiet ghal divertiment; u f'kaz ta' persuna guridika, il-frazi 'proprjetarju' ghandha tinkludi wkoll lill-*manager* jew lil kull ufficjal principali iehor ta' dik il-persuna guridika."** L-appellat huwa licenzjat bhala *substitute*, allura f'dan il-kaz il-persuna li ghandha titqies bhala **"l-proprjetarju"** ghall-finijiet ta' din il-ligi.

Kwantu ghall-piena, ir-regolament 6(5) jipprovdi hekk: **"Kull proprjetarju li jonqos milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament ikun hati ta' reat u jista', meta jinsab hati, jehel multa ta' mitejn u tlieta u tletin euro ghal kull persuna taht l-età ta' sittax-il sena misjuba fil-lokalità ta' divertiment tieghu, <u>b'zieda ma' kull piena ohra li huwa jista' jehel taht ir-regolament 15</u>"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Permezz tar-regolament 15(1**), "Fil-kaz ta' reati maghmulin minn proprjetarju jew l-impjegati tieghu kontra dawn ir-regolamenti, il-qorti ghandha meta ssib persuna hekk hatja twahhal multa ta' mhux anqas minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux izjed minn disa' mija u wiehed u tletin euro u hamsa u sebghin centezmu (931.75)…."** Konsegwentement fil-kaz in ezami l-piena mitluba mill-Avukat Generali hi dik korretta, cioe` 233 + 465.87 = 698.87 euro.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ma sabitx lill-appellat hati ta' l-ewwel imputazzjoni u minnha lliberatu, tiddikjara s-sentenza appellata nulla in kwantu din tirrigwarda s-sejbien ta' htija dwar it-tieni imputazzjoni u l-kundanna relattiva u ghalhekk tirrevokaha f'dar-rigward u minflok tittratta ma' l-appellat mill-gdid dwar din it-tieni imputazzjoni billi ssibu hati tat-tieni imputazzjoni dedotta u, wara li rat ir-regolamenti 6(1)(5) u 15(1) ta' l-Avviz Legali 124/95, tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' sitt mija tmienja u disghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€698.87).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------